24 ta' Frar, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Anna Psaila versus Francesco Bezzina (*)

**Bôrd tal-Kera — Kwistjoni ta' Dritt — Appell.**

*Id-deċiżjoni tal-Board tal-Kera fis-sens illi r-rikorrent, wara li jkun għamel spontaneament l-għażla tal-post fejn joqgħod, ma jistax imur lura minn dik il-għażla u ma jistax jitlob il-pussess tal-fond li għandu mikri għand ħaddieħor, tinvolvi kwistjoni ta' dritt; u għalhekk dik id-deċiżjoni hija appellabili.*

Il-Qorti, — Rat it-talba tar-rikorrenti magħmula quddiem il-Board li jirregola l-Kera b'rikors numru 1319 tal-1946, biex terġa' tieħu taħt idejha l-fond numru 20, Triq Sawra, Marsa, li hija kienet kriet lill-intimat fi żmien il-"blitzes", u fejn kienet ħalliet il-mobbli tagħha, u li issa tridu għax għandha bżonnu biex terġa' tmur toqgħod fih peress li qiegħda toqgħod f'kamrin tal-ħanut tax-xorb li għandha, ma' binha;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Board tat-30 ta' Ottubru 1946, li biha rrespinġa d-domanda; wara li kkunsidra;

Illi r-rikorrenti mhix proprjetarja tad-dar in kwistjoni, imma tikriha u tħallas il-kera ta' 15s. fix-xahar lis-sid. Fi żmien il-gwerra r-rikorrenti marret toqgħod f'xelter privat, u d-dar kritha lil żewġ irġiel li damu hemm sena. Wara li ħarġu dawn iż-żewġ irġiel, f'Jannar tas-sena 1944, ċjoè meta kien ilu ftit li għadda ż-żmien li n-nies jorqdu fix-xelters, ir-rikorrenti reġgħet kriet id-dar lill-intimat, li kien sejjer jiżżewweġ, bil-patt li l-mobbli tagħha tħallihom hemm u bil-fakoltà li tidħol biex tieħu jew tpoġġi xi affarijiet tagħha, u bil-kera ta' £1. 3. 0 fix-xahar;

---

(*) Maqtugħa fil-meritu fl-4 ta' Ġunju 1947 (Appell Ċivili).

Illi huwa veru li l-lum ir-rikorrenti mhix qiegħda tgħix f'kondizzjonijiet ideali, imma għandu wieħed jiftakar li kienet hi stess li għażlet li tinnegozja d-dar li kienet tikri minn għand ħaddieħor u tmur tgħix ma' binha f'kamra ta' wara l-ħanut tagħha; u li allura, wara l-għażla li għamlet spontaneament, ma tistax kull meta trid, u fl-istat ta' l-affarijiet il-lum u fl-istat tal-liġi ta' l-emerġenza, tibgħat barra lill-kerrej tagħha, biex wara li hija nqdiet sakemm dehrilha terġa' tmur tgħix iżjed kommodament, b'dannu tal-kerrej li l-lum isib protezzjoni fil-liġi;

Illi għalhekk, indipendentement mill-kwistjoni jekk ir-rikorrenti hix "reasonably suitably accommodated", ladarba hija għandha fejn tgħix u għall-intimat ma hemmx "available alternative accommodation", il-"hardship" ta' dan............;

Rat ir-rikors ta' Anna Psaila fejn talbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, u li għalhekk it-talba tagħha tiġi milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis:*

Tikkunsidra fuq dina l-eċċezzjoni:

Illi l-Board tal-Kera, fost raġunijiet oħra, irritjena illi kienet l-appellanti stess li għażlet li tinnegozja d-dar li kienet tikri minn għand ħaddieħor u tmur tgħix ma' binha f'kamra ta' wara l-ħanut tagħha, u li allura, wara l-għażla li hija għamlet spontaneament, ma tistax kull meta trid u fl-istat ta' l-affarijiet tal-lum u fl-istat tal-liġijiet ta' l-emerġenza, tibgħat barra lill-kerrej tagħha biex wara li hija nqdiet sakemm dehrilha terġa' tmur tgħix iżjed kommodament, b'dannu tal-kerrej li l-lum isib protezzjoni fil-liġi:

Tikkunsidra:

Illi b'dak il-konsiderand il-Board stabbilixxa prinċipju ta' dritt illi wara li kienet għamlet l-għażla spontaneament ma tistax issa tmur lura minnha, u l-appellanti, apparti l-meritu, trid tikkumbatti dak il-prinċipju;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità mogħtija mill-appellat, u tordna illi in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ l-ispejjeż relativi ma jkunux taxxati; id-dritt tar-reġistru jitħallas mill-appellat.

---